

4. Il-kunċett ta' "ċirkustanzi mhux prevedibbli", fis-sens tad-Direttiva 2014/24, jinkludi biss ċirkustanzi li jkunu seħħew wara l-konklużjoni tal-kuntratt (kif tipprowdi l-liġi nazzjonali, b'mod partikolari l-punt 27 tal-Artikolu 2 tad-dispożizzjonijiet komplementari taż-Zakon za obshtestvenite porachki (il-Liġi dwar il-Kuntratti Pubbliċi)), li ma jkunux setgħu jiġu previsti minkejja d-diliġenza meħtieġa, li ma humiex dovuti għal atti jew għal ommissjonijiet tal-partijiet iżda jagħmlu l-eżekuzzjoni impossibbli fil-kuntest tal-kundizzjonijiet miftiehma? Jekk inkella d-Direttiva ma teżiġix li dawn iċ-ċirkustanzi jkunu seħħew wara l-konklużjoni tal-kuntratt?
5. Kundizzjonijiet meteoroloġiċi abitwali li ma jikkostitwixxux "ċirkustanzi mhux prevedibbli" fis-sens tal-premessa [109] tad-Direttiva 2014/24 u l-projbizzjoni leġislattiva, ippubblikata qabel l-għoti tal-kuntratt pubbliku, li tipprobixxi l-konstruzzjoni matul ċertu perijodu, jikkostitwixxu ġustifikazzjoni oġġettiva tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt wara t-termini kuntrattwali? F'dan il-kuntest, l-offerent huwa meħtieġ, fil-kalkolu tat-terminu li jipproponi, jinkludi (b'diliġenza u *in bona fide*) fil-proposta tiegħu r-riskji abitwali rilevanti għall-eżekuzzjoni tal-kuntratt fit-termini?
6. Dispożizzjonijiet nazzjonali jew ġurisprudenza nazzjonali dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet, li minnhom jirriżulta li modifika illegali ta' kuntratt pubbliku tista' titwettaq f'sitwazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali f'sitwazzjoni fejn it-terminu ta' eżekuzzjoni tal-kuntratt taħt ċerti limiti huwa waħda mill-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni fil-proċedura ta' għoti tal-kuntratt (u n-nuqqas ta' osservanza ta' dawn it-termini jimplika l-esklużjoni tal-offerent); fejn l-eżekuzzjoni tal-kuntratt taqbeż dan it-terminu minħabba kundizzjonijiet meteoroloġiċi abitwali u minħabba projbizzjoni leġislattiva, li kienet diġà magħrufa qabel l-għoti tal-kuntratt, li jitwettqu x-xogħlijiet li huma s-suġġett tal-kuntratt matul il-perijodu tal-eżekuzzjoni tal-kuntratt, sa fejn dawn il-motivi għan-nuqqas ta' osservanza tat-termini ma humiex ċirkustanzi mhux prevedibbli; fejn l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ġie aċċettat mingħajr ebda riżerva dwar it-terminu; fejn ebda penalità kuntrattwali ma ntalbet minħabba d-dewmien; u fejn, għaldaqstant, kundizzjoni sostanzjali tad-dokumenti kuntrattwali, li hija determinanti mill-aspett tal-kompetizzjoni, ġiet modifikata u b'hekk inħolqot distorsjoni fil-bilanċ kompetittiv favur il-kontraenti, huma kompatibbli mal-Artikolu 72(1)(e), moqri flimkien mal-Artikolu 72(4)(a) u (b) tad-Direttiva 2014/24?

(¹) ĠU 2014, L 94, p. 65, rettifika fil-ĠU 2015, L 275, p. 68.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal Supremo (Spanja) fis-6 ta' Lulju
2022 – Caixabank SA et vs ADICAE et**

(Kawża C-450/22)

(2022/C 408/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Qorti tar-rinviju

Tribunal Supremo.

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Caixabank SA, Caixa Ontinyent SA, Banco Santander SA, sostitut tal-aventi kawża Banco Popular Español SA u Banco Pastor SA, Targobank, SA, Credifimo SAU, Caja Rural de Teruel SCC, Caja Rural de Navarra SCC, Cajasiete Caja Rural SCC, Liberbank SA, Banco Castilla La Mancha SA, Bankia SA, sostituta tal-aventi kawża Banco Mare Nostrum SA, Unicaja Banco, SA, Caja Rural de Asturias SA, Caja de Arquitectos SCC (Arquia Bank SA), Nueva Caja Rural de Aragón SC, Caja Rural de Granada SCC SA, Caja Rural del Sur SCC, Caja Rural de Jaén, Barcelona y Madrid SCC, Caja Rural de Albacete, Ciudad Real y Cuenca SCC (Globalcaja), Caja Laboral Popular SCC (Kutxa), Caja Rural Central SCC, Caja Rural de Extremadura SCC, Caja rural de Zamora SCC, Banco Sabadell SA, Banca March SA, Ibercaja, Banca Puyo SA

Konvenuti: ADICAE, M.A.G.G., M.R.E.M., A.B.C., Óptica Claravisión SL, A.T.M., F.A.C., A.P.O., P.S.C., J.V.M.B., eredi ta' C.M.R.

Domandi preliminari

- 1) L-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 93/13/KEE tal-5 ta' April 1993 dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur⁽¹⁾, fejn jagħmel riferiment għaċ-ċirkustanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt, u l-Artikolu 7(3) ta' din id-direttiva, fejn jagħmel riferiment għal klawżoli simili, jippermettu l-evalwazzjoni għalhekk astratta, għall-finijiet tal-istħarriġ tat-trasparenza fil-kuntest ta' azzjoni kollettiva, ta' klawżoli użati minn iktar minn mitt stabbiliment finanzjarju f'miljuni ta' kuntratti bankarji, mingħajr teħid inkunsiderazzjoni la tal-livell ta' informazzjoni prekuntrattwali pprovduta fir-rigward tal-piż ġuridiku u ekonomiku tal-klawżola u lanqas taċ-ċirkustanzi l-oħra eżistenti f'kull każ konkret fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt?
- 2) L-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 93/13 jippermettu li jitwettaq sħarriġ astratt tat-trasparenza mill-perspettiva tal-konsumatur medju meta diversi mill-offerti kuntrattwali huma indirizzati lil diversi gruppi speċifiċi ta' konsumaturi jew meta diversi stabbilimenti li joperaw f'oqsma ta' attività li huma ekonomikament u ġeografikament differenti ħafna użaw klawżoli redatti minn qabel għal perijodu twil ħafna li matulu l-għarfien tal-pubbliku fir-rigward ta' dawn il-klawżoli evolva?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-iSpetsjaliziran nakazatelen sad (il-Bulgarija)
fit-13 ta' Lulju 2022 – Proċeduri kriminali kontra VB**

(Kawża C-468/22)

(2022/C 408/43)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Qorti tar-rinviju

Spetsjaliziran nakazatelen sad

Parti fil-proċeduri kriminali nazzjonali

VB

Domanda preliminari

Dispożizzjoni nazzjonali, bħalma hija l-Artikolu 423(3) tan-Nakazateleno protsesualen kodeks (il-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali), li tobbliga lil persuna li tressaq talba għall-ftuħ mill-ġdid ta' proċedura kriminali minħabba l-kontumaċja tagħha f'każ li ma huwiex previst fl-Artikolu 8(2) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali⁽¹⁾ sabiex tidher personalment quddiem il-qorti sabiex din it-talba tiġi eżaminata fuq il-mertu, hija konformi mal-Artikolu 9 ta' din id-direttiva u mal-prinċipju ta' effettività?

⁽¹⁾ ĠU 2016, L 65, p. 1.

**Appell ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2022 minn Roberto Aquino mis-sentenza mogħtija mill-Qorti
Ġenerali (L-Ewwel Awla) fl-1 ta' Ġunju 2022 fil-Kawża T-253/21, Aquino vs Il-Parlament**

(Kawża C-534/22 P)

(2022/C 408/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Roberto Aquino (rappreżentanti: L. Levi, S. Rodrigues, avukati)